**19 ta' Novembru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt. LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Michael Zahra

**"Learner" u "Apprentice" — Art. 2 tal-Att X tal-1952 — G.N. 214 tal-1952 u 210 tal-1957.**

*Għalkemm il-liġi tiddistingwi bejn "learner" u "apprentice", fis-sens ta' ċerti dettalji tekniċi, però in sostanza t-tnejn huma ntiżi biex jiġu mgħallma.*

*Persuna li tkun impjegata biex tagħmel xogħol li minnu ma tkun qegħdha titgħallem xejn ma hix "learner"; u kwindi*

*l-paga li dik il-persuna jmissha tirċievi minn għand il-prinċipal għal dak ix-xogħol ma tagħħax taħt ir-regolamenti li huma applikabbli fil-każ ta' "learners".*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija fuq talba tad-Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali, quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli f'Tas-Sliema, fid-19 ta' Marzu 1960 u fiż-żmien qabel, naqas li jħallas lill-impjegati tiegħu Rosina Micallef, Dolores Friġġieri, Lucy Muscat u Josephine Zammit, impjegati miegħu bħala persuni li qegħdin jitrawwmu fix-xogħol tal-ħjata l-anqas rati ta' pagi kif hemm stabbilit fl-art. 6 tal-Iskeda no. 2 dwar l-industrija msejħa tal-ħjata, publikata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 214 tat-2 ta' Mejju 1952, kif emendata bl-Ordni publikat bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 210 tat-28 ta' Marzu 1957, fejn għaldaqshekk il-Qorti ġiet mitluba biex tordna li l-imsemmi Michael Zahra jħallas lill-imsemmija Rosina Micallef is-somma ta' £30. 10. d, lil Dolores Friġġieri s-somma ta' £41. 2. 0d, lil Lucy Muscat is-somma ta' £47. 14. 0d, u lil Josephine Zammit is-somma ta' £20. 3. 0d; liema ammonti jirrappreżentaw id-differenza fil-pagi mħallsin lill-imsemmija mpjegati u l-pagi kif huma preskritti bl-imsemmi Ordni, kif publikat bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 210 tat-28 ta' Marzu 1957 (dawn l-ammonti ġew f'din is-sede tal-appell rikonoxxuti skorretti u mnaqqsin — ara xhieda Joseph Bonnici);

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Settembru 1960, li biha sabet lill-imputat ħati u kkundannatu £2 multa, u ordnat lill-imputat biex iħallas lil Rosina Micallef is-somma ta' £30. 10. 0d, lil Dolores Friġġieri s-somma ta' £41. 2. 0d, lil Lucy Muscat is-somma ta' £47. 14. 0d, u lil Josephine Zammit is-somma ta' £20. 3. 0d;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni nvoluta f'dan l-appell hija jekk l-erbgħa mpjegati msemmijin fiċ-ċitazzjoni għandhomx jitqiesu jew le "learners" skond il-liġi;

Iċ-ċitazzjoni, kwantu għall-pagi hemm indikati bħala li kien imisshom tħallsu lil dawk l-erbgħa mpjegati (salva l-korrezzjoni f'ammont anqas li saret f'din is-sede tal-appell) hi bażata fuq l-art. 6 tal-Iskeda No. 2 dwar l-industrija msejħa tal-ħjata, li hemm fin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 214 tal-1952 kif emendata b'dik no. 210 tal-1957;

Fir-reg. nru. 1 jingħad li l-kliem użati għandhom l-istess sinifikat tal-Att prinċipali, ċjoè dak No. X tal-1952 ("Industrial Training Act"). F'dan l-Att — art. 2 — "learner means a person other than an apprentice who is over the age of fourteen years, and who is receiving training in a calling otherwise than in a school or institution maintained wholly or partly from public funds". Il-kelma "calling" hi definita hekk:— "Any trade, craft, or other occupation, or section thereof, designated from time to time by a scheme or by the Minister by Notice in the Government Gazette";

Id-difiża tikkontesta li dawk l-impjegati huma "learners", u ssostni li huma biss "machinists", li jagħmlu xogħol ripetittiv bla ma jitgħallmu ebda sengħa;

Il-provi juru li l-imputat għandu ħanut Bazaar, li fih ibiegħ ħwejjeġ tan-nisa u tat-tfal, blazers, xugamani, u affarijiet oħra konsimili. Wara l-ħanut hemm qatgħa, mbgħad kamra, kuritur, u kamra oħra nterna. L-imputat ma jafx is-sengħa ta' ħajjat; però hu tgħallem jew ħoloq sistema li bih jipproduċi, b'ċerta rapidità, "cuttings" ta' qliezet tat-tfal, l-aktar "shorts", fuq "patterns" b'metodu speċjali. Dawn il-"cuttings", li tagħhom hu pproduċa eżemplari li l-Qorti eżaminat, jagħmilhom hu biss fil-kamra nterna; anzi joqgħod ferm attent li l-impjegati ma jarawx bl-ebda mod kif isiru dawn il-"cuttings", li jżomm is-sigriet tagħhom hu. Wara li jagħmel dawn il-"cuttings", li huma in sostanza l-manifattura tal-qalziet, huwa jagħti lil-lavranti l-partijiet, ossija "patterns", minnu preparati, lesti maq-

tugħin, u jindikalhom b'numri, ossija "gauges", kif għandhom jitqegħdu. Il-lavranti mbgħad jgħalqu dawn il-"backs" u "fronts", u dawn il-bwiet u kużakki, dejjem fuq in-numri u skond il-"gauges" li jkun tahom l-imputat, bil-makni. It-"threading up" tal-makna, u r-regolament tat-tensjoni, jiġu magħmula mill-imputat. Ix-xhud Josephine Zammit tikkonferma in propożitu x-xhieda tal-imputat, u tgħid hekk:— "Hu kien jagħtina biċċiet imfassłin kollox lest, u aħna kemm konna ngħalqu bil-makni. Per eżempju, jien nagħlaq ġenb, l-oħra tpoġġi l-bwiet, u hekk. Kien jagħtihomna kollox maqtugħ u lest bin-numri, u mbgħad jgħidilna fejn, u aħna nwaħħluhom flimkien. Meta tlestihom trid tgħaddihom xi ftit". Aktar tard tkompli tikkonferma:— "Huwa jġib kollox lest . . . . Għandu "gauge" biex nimxu dritt. Affarijiet oħra ħlief qliezet tat-tfal ma ngħamlux." Żiedet tgħid li jwaħħlu l-buttuni bil-makna. Jagħmlu anki aċċetti, dejjem bil-makna. Tixlil u piegi ma jsirux";

Jirriżulta mill-provi li dawn il-lavranti jiskambjaw dan ix-xogħol, imma dejjem fl-isfera limitata fuq indikata. Waħda daqqa tagħmel ħaġa u daqqa tagħmel oħra, imma dejjem fil-limiti ristrett tax-xogħol mekkanizzat fuq indikat;

Min dan li ngħad, li lanqas jidher li bħala fatti hu kontestat mill-Prosekuzzjoni, jirriżulta dan li ġej:—

1. Li dan ix-xogħol tal-lavranti hu xogħol limitat għal "tasks" li bihom il-lavranti ma jistgħux jitgħallmu x-xogħol tal-ħjata, u partikolarment ma jitgħallmux kif jagħmlu qalziet; għaliex il-"patterns", jew biċċiet, jiġu mogħtija lilhom ġa maqtugħin u lesti, u l-imputat ma jurihomx kif għandhom jinqatgħu, anzi jżomm sigriet il-metodu tat-tifsil tiegħu;

2. Ix-xogħol hu essenzjalment awtomatiku u ripetittiv; għaliex il-lavranti jaħdmu bħal awtomi, fis-sens li jwaħħlu l-biċċiet skond in-numri u skond il-"gauge" bla ma jafu għaliex, u l-imputat ma jistruwihomx;

3. Ix-xogħol appena jista' jssejjaħ xogħol ta' ħjata

fis-sens tas-sengħa tal-"tailoring" vera u proprja, imma hu pjuttost ta' metodu spiċċjattiv ta' "mass production", ossija "factory production", ta' qliezet, kif jissejħu, tar-"ready to wear type". Ma hemm ebda raffinatezza fix-xogħol; tant li, kif xehed l-imputat, meta ħajjat ra x-xogħol tiegħu qallu li dak ma jiswiex, u uża terminu korrenti fin-negozju li jfisser li hu x-xogħol ta' produzzjoni dozzinali, ċjoè qallu li hu xogħol "tal-pakkuttilja";

4. Biżżejjed wieħed iħares lejn il-proċessi li għandhom jiġu mgħallma fit-"tailoring", skond l-istess skeda fuq imsemmija, biex jirrealizza kemm dan ma hux il-każ tat-"tailoring" li kellu fi ħsiebu l-leġislatur;

5. Kieku l-imputat kien qiegħed jgħallem lil-lavranti anki l-"cutting", sija pure kif jagħmlu hu b'metodu spiċċjattiv, allura forsi wieħed kien jista' jgħid li b'xi mod dawn il-lavranti kienu qegħdin almenu jitgħallmu dan il-mod speċjali ta' "tailoring"; imma, kif deher mill-provi, l-imputat ma jurihom bl-ebda mod kif għandu isir il-"cutting" tad-diversi "patterns" li jippreżentalhom lesti; anzi, kif ingħad, jagħmilhom segretament hu fil-kamra nterna, u joqgħod attent li lavranta waħda ma tagħmelx ix-xogħol sħieħ, lanqas kif limitat;

6. L-imputat ma hux ħajjat, u ma jafx il-veru xogħol tal-ħjata. Issa, għalkemm il-liġi tiddistingwi bejn "learner" u "apprentice", fis-sens ta' ċerti dettalji tekniċi, però, in sostanza, it-tnejn huma ntiżi biex jiġu mgħallma; tant li l-istess kelma "apprendista" tfisser appuntu "to learn", għax ġejja mill-kelma franċiża "apprendre" (ara Wharton's Law Lexicon, taħt Apprentice). Issa, fil-każ ta' "apprentice", hu paċifiku legalment li "The master is bound to instruct his apprentice and to make him master of the art . . . . ." (loc. ċit.). L-istess jingħad fi Stroud's Judicial Dictionary, fejn hemm ċitat id-"dictum" ta' Lord Cockburn C.J., fis-sens li "in legal acceptation, an apprentice is a person bound to another for the purpose of learning his trade or calling . . . ." Dak li jingħad f'dan il-kontest għall-"apprentice" hu għalhekk applikabbli għal-"learner"; għaliex anki l-apprendista qiegħed jitgħallem ("appren-

dre") bħal-"learner", u anki l-"learner" hu bniedem li qiegħed jitrawwem fis-sengħa. Issa, hu diffiċli ferm li wieħed jifhem, jew jipperswadi ruħu, li dawn il-lavranti kienu qegħdin jiġu mgħallma l-"calling" ta' "tailoring" meta l-imputat stess ħajjat ma hux, u ma jafx ħlief jagħmel din il-produzzjoni mekkanika ta' qliezet tat-tfal, u meta, anki fi sfera hekk limitata, hu ma hux qiegħed jgħallem lil dawk il-lavranti, u anzi għar-raġunijiet tiegħu ta' "trade secret", ma jridx jgħallimhom kif jagħmlu l-"cutting", u meta huma ma jagħmlux ħaġ'oħra ħlief iwaħħlu l-biċċiet li jagħtihom hu fuq in-numerazzjoni u l-"gauges" li jagħtihom hu, bla ma jifhmu ħaġa jew oħra, imma jsegwu ċjekament id-"dotted line";

7. Kif jidher mid-dokument eżibit fil-busta fol. 10, l-imputat sejjaħ lil dawn il-lavranti "seam machinists"; u hu risaput li "machinists" ma humiex "learners", u dan it-terminu ta' "seam machinists" ma nventahx l-imputat, imma ġie suġġerit lilu minn uffiċjal tad-dipartiment. Hekk xehed l-imputat; u x-xhud tad-dipartiment, Calamatta, qal, meta xehed: "Jista' ikun li semmejtielu jien". Dan kien fil-perijodu ta' żmien pjuttost prolungat ta' diversi snin, mill-1957 l-hawn, li, kif juru l-provi, id-dipartiment ma kienx inklinat li jikkunsidra l-lavranti tal-imputat bħala "learners" għas-sens tal-liġi;

8. Għall-konferma ta' dak li ngħad. hemm il-każ tal-lavranti li jaħdmu l-qomos. Ix-xhud tad-dipartiment Joseph Bonnici esprima ruħu hekk, bi kliem li, b'analoġija kjarifikanti, jattalijaw ruħhom għall-każ odjern:— "Min jagħmel "shirts" nikkunsidrawh "machinist", u ma jidħolx taħt "tailoring". Fil-qomos ma hemmx xogħol kreattiv: il-kreazzjoni tal-qmis jagħmilha l-"employer". Hu jagħtihom il-"pattern", u dejjem l-istess ħaġa. "Repetitive work", fis-sens li jkollok il-"pattern" mingħajr ma tifhem ir-raġuni . . . . Ma hemm ebda liġi għax-"shirts" għal issa; jgħidulna "dawn machinists";

9. Issemma fil-kors tal-provi li l-imputat, f'konversazzjonijiet li kellu ma' uffiċjali tad-dipartiment, kien jgħid li hu kien qiegħed "jgħallem" lil dawn il-lavranti. Hu ovvju

li din id-dikjarazzjoni tal-imputat għandha raġjonevolment tiftiehem fil-kontest li fih ġiet magħmula, u mhux stakkata minnu. Hu dejjem insista li l-proċess tiegħu kien partikulari, kif fil-fatt irriżulta li hu, u li t-tagħlim tal-lavranti kien limitat għal dawk l-inkombenzi ristretti li diġà ġew spjegati. L-importanti għal din il-kawża ma kienx jekk huma kienux qegħdin jitgħallmu fis-sens volgari, imma jekk kienux "learners" fis-sens tal-liġi;

Ikkunsidrat;

L-Avukat tal-Kuruna, fid-dibattitu quddiem din il-Qorti, ibbaża t-teżi tal-Prosekuzzjoni unikament fuq punt wieħed, ċjoè dak li l-liġi, fid-definizzjoni ta' "calling", fuq riportata, tinkludi "section thereof", u kompla għalhekk isostni li anki l-mansjonijiet limitati ta' dawn il-lavranti jikkostitwixxu "section of a calling";

Il-Qorti ma tistgħax taċċetta din id-deduzzjoni, għal dawn iż-żewġ raġunijiet:—

1. Apparti r-raġuni li sejra tissemma fit-tieni lok, jidher raġjonevoli li wieħed jinterpreta l-kelma "section" fis-sens li din mhijiex parti frazzjonali, u kważi infinitezimali, ta' "calling", imma għandha tkun parti sostanzjali tiegħu. Biżżejjed wieħed jagħti daqqa ta' għajn lejn id-diversi "processes" tant numerużi, indikati fl-Iskeda No. 2 fuq imsemmija, taħt id-diversi ntestaturi, biex jara kemm dak li qegħdin jagħmlu, jew kienu jagħmlu, dawn il-lavranti, ma hux lanqas "section thereof". Jekk wieħed jieħu l-proċessi taħt "General", jara kemm kważi dawn il-lavranti ma jagħmlu xejn jew ftit ferm minnhom. "Il-"Pressing" li jagħmlu hu limitat għall-"pressing" mhux ta' "garments" in ġenerali, imma ta' dan it-tip iżolat ta' qalziet. Kwantu għall-intestatura "Sewing Machines", lanqas jagħmlu t-"threading up" u r-regolament tat-"tension". Kwantu għall-"making of trousers", il-"cutting" tal-"patterns" jagħmilha l-imputat segretament, u hi ħaġa li tibqa' għalihom assolutament injota. Kwantu mbgħad għall-intestaturi l-oħra — "making of waistcoats", "making coats", "measurements", "design and cutting", u "garment

making" — dawn lanqas biss jisemmew f'din il-kawża. Hu, għalhekk, azzardat li wieħed japplika l-kelma "section" għal xogħol minimu, frazzjonali, magħmul mhux "con cognizione", imma awtomatikament u ripetittivament, li lanqas biss jifforma almenu parti sostanzjali tas-sengħa in kwistjoni, u li bih ma jistgħax jingħad lanqas biss li l-lavranta almenu tgħallmet tagħmel il-qliezet tat-tfal;

2. Raġuni oħra hi din. Jekk wieħed jeżamina sewwa d-definizzjoni ta' "calling" fuq riprodotta, isib li aktarx li l-liġi riedet li tant is-sengħa, kemm il-fergħa tagħha, għandha tkun oġġett ta' "Scheme" jew ta' "Government Notice". Vwoldieri jekk l-awtorità kompetenti tiddeċidi li, min-barra s-sengħa sħieħa u kompleta tat-"tailoring", għandha tkun legalment "calling" xi parti minnha, dik il-parti għandha tkun ukoll deżinjata bi "scheme" jew "Notice" fil-Gazzetta tal- Gvern, appożitament u speċifikatament, u mhux biżżejjed li tiġi ndikata biss fl-"scheme" is-sengħa tat-"tailoring" in ġenerali. Infatti, il-liġi tgħid "any trade, craft, or other occupation or section thereof, designated from time to time by a scheme or by the Minister by Notice in the Government Gazette". Il-lokuzzjoni u l-pun-teġġjatura ta' din id-dispożizzjoni juru li mhux biss is-sen-għa sħieħa, imma anki s-sezzjoni tagħha, trid tkun oġġett ta' publikazzjoni ufficjali; mentri f'dan il-każ, li-"Scheme", kif juri t-titolu tagħha, tirriferixxi biss għal "the bespoke tailoring industry", kollha kemm hi. Mhux biss, imma anzi, lunġi milli dik li-"Scheme" tiddeżinja, bħala "calling", xi fergħa speċjali tat-"tailoring", tenumera l-proċessi kollha bħala proċessi li għandhom jiġu mgħallma kumu-lattivament lill-"apprentice" (u kwindi lill-"learner", li hu msemmi aktar tard norminattivament fl-istess "scheme"). Ma qaletx il-liġi li xi wieħed minn dawk il-proċessi qiegħed jiġi deżinjat bħala "section of a calling", mentri hu ċar li fid-definizzjoni l-liġi ma riedetx tirriferixxi għal "section of a calling" kwalunkwe, rimess għall-arbitriju ta' kull min irid, imma "section of a calling" li jkun "designated from time to time by a Scheme or by the Minister by Notice in the Government Gazette". U ken naturali u sewwa li jkun hekk; għaliex kien ikun assurd li l-kelma "section" tiġi nterpretata skond il-fehma personali u varjabbli tal-"em-

ployer", jew tal-"learner", jew ta' ħadd ieħor, b'mod li jkun hemm il-possibbiltà li tiġi nterpretata tant limitatament li l-"learner" fil-fatt ma jkun qiegħed jitgħallem xejn għall-għajxejn tiegħu l-quddiem, u b'hekk jiġi newtralizzat l-iskop tal-liġi. Mentri hu ġust li jingħad li dwar liema hija "section of a calling" kellu jiġi determinat uċjalment mill-awtorità kompetenti, biex din tissoddisfa ruħha preventivament li din is-"section" tkun "section" sostanzjali, "section" bis-serjetà, u mhux ħaġa effimera u bla siwi ta' xejn;

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.